Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 3 ta' Lulju 2026**
**(OR. en)**

**11127/26**

**ECOFIN 917**
**UEM 321**
**SOC 446**
**EMPL 248**
**COMPET 861**
**ENV 837**
**EDUC 303**
**ENER 459**
**JAI 897**
**GENDER 134**
**JEUN 177**
**SAN 535**
***ECB***
***EIB***

**NOTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar il-politika ekonomika, soċjali, tal-impjiegi, strutturali u baġitarja tal-Litwanja |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż l-abbozz ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill imsemmi hawn fuq, kif rivedut u maqbul minn diversi kumitati tal-Kunsill u ffinalizzat mill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju, abbażi tal-Proposta tal-Kummissjoni COM(2026) 215 final.

**RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**

**dwar il-politiki ekonomiċi, soċjali, tal-impjiegi, strutturali u baġitarji tal-Litwanja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 121(2) u l-Artikolu 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2024/1263 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2024 dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u dwar is-sorveljanza baġitarja multilaterali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 3(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

[1] Ir-Regolament (UE) 2024/1263 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2024 dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u dwar is-sorveljanza baġitarja multilaterali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 (ĠU L, 2024/1263, 30.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1263/oj).

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2024/1263 jispeċifika l-objettivi tal-qafas ta' governanza ekonomika, li għandu l-għan li jippromwovi finanzi pubbliċi sodi u sostenibbli, tkabbir sostenibbli u inklużiv u reżiljenza permezz ta' riformi u investimenti, kif ukoll li jevita defiċits eċċessivi tal-gvern. Ir-Regolament jistipula li l-Kunsill u l-Kummissjoni jwettqu sorveljanza multilaterali fil-kuntest tas-Semestru Ewropew f'konformità mal-objettivi u r-rekwiżiti stipulati fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Is-Semestru Ewropew jinkludi, b'mod partikolari, il-formulazzjoni u s-sorveljanza tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż.

(2) Fil-25 ta' Novembru 2025, il-Kummissjoni adottat opinjoni dwar l-abbozz tal-pjan baġitarju tal-2026 tal-Litwanja. Fl-istess data, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija tal-2026, li fih ma identifikatx lil-Litwanja bħala wieħed mill-Istati Membri li għalih ikun meħtieġ rieżami fil-fond. Il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro, rakkomandazzjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kapital uman fl-Unjoni Ewropea, u proposta għar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi tal-2026, li tanalizza l-implimentazzjoni tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi u l-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro[2] fil-21 ta' April 2026 u r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi, u r-Rakkomandazzjoni dwar il-kapital uman fid-9 ta' Marzu 2026.

(3) Fid-29 ta' Jannar 2025, il-Kummissjoni ppubblikat il-Boxxla għall-Kompetittività, qafas strateġiku li għandu l-għan li jagħti spinta lill-kompetittività globali tal-UE matul il-ħames snin li ġejjin. Din tidentifika t-tliet imperattivi trasformattivi tal-innovazzjoni, id-dekarbonizzazzjoni u l-kompetittività, u s-sigurtà bħala pilastri kritiċi għat-tkabbir ekonomiku sostenibbli. Minn mindu ġiet ippubblikata, il-Boxxla għall-Kompetittività informat il-ħidma tas-Semestru Ewropew, li jiżgura li l-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri jkunu konsistenti mal-objettivi strateġiċi tal-UE, u li jinħoloq approċċ unifikat għall-governanza ekonomika li jrawwem it-tkabbir sostenibbli, l-innovazzjoni u r-reżiljenza madwar l-Unjoni.

[2] ĠU C, C/2026/2434, 28.4.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2026/2434/oj.

(4) Fl-2026, is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika jkompli jiżviluppa flimkien mal-istadju finali tal-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF)[3]. Il-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza (RRPs) flimkien mal-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni kienu essenzjali għat-twettiq tal-prijoritajiet ta' politika skont is-Semestru Ewropew, peress li l-pjanijiet kienu meħtieġa biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi kollha jew subsett sinifikanti minnhom identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti maħruġa f'ċikli reċenti u l-programmi ffinanzjati mill-politika ta' koeżjoni Ewropea kienu meħtieġa jqisu r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż. Hekk kif l-RRF toqrob lejn tmiem il-ħajja tagħha, jibqa' essenzjali li jiġu sostnuti u żviluppati r-riformi u l-investimenti appoġġati u implimentati taħt l-RRF, b'mod partikolari dawk li jikkontribwixxu biex jiġu indirizzati l-isfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż.

(5) Fit-3 ta' Ġunju 2026, il-Kummissjoni ppubblikat ir-rapport tal-pajjiż tal-2026 għal-Litwanja. F'dan ġie vvalutat il-progress tal-Litwanja fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2025 u ġiet evalwata l-implimentazzjoni tal-RRP mil-Litwanja. Fuq il-bażi ta' dik l-analiżi, ir-rapport tal-pajjiż identifika l-aktar sfidi urġenti li qed tiffaċċa l-Litwanja. Ivvaluta wkoll il-progress li għamlet il-Litwanja fl-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u fil-kisba tal-miri ewlenin tal-Unjoni dwar l-impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar u tal-esklużjoni soċjali, kif ukoll il-progress biex jinkisbu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti.

[3] Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/241/oj).

(6) Fit-8 ta' Lulju 2025, il-Kunsill, fuq il-valutazzjoni u r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, adotta Rakkomandazzjoni li tapprova l-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju tal-Litwanja[4]. Il-pjan ikopri l-perjodu mill-2025 sal-2029 u jippreżenta aġġustament fiskali mifrux fuq 4 snin. Il-Kunsill irrakkomanda r-rati massimi ta' tkabbir li ġejjin tan-nefqa netta: 6,1 % fl-2025, 5,2 % fl-2026, 4,8 % fl-2027, 4,5 % fl-2028, u 4,3 % fl-2029, li jikkorrispondu għar-rati ta' tkabbir kumulattivi massimi kkalkulati b'referenza għas-sena bażi tal-2024 ta' 6,1 % fl-2025, 11,6 % fl-2026, 17,0 % fl-2027, 22,3 % fl-2028, u 27,5 % fl-2029.

(7) Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u r-riperkussjonijiet tagħha jikkostitwixxu sfida eżistenzjali għall-Unjoni Ewropea. Il-Kummissjoni stiednet lill-Istati Membri jitolbu l-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja nazzjonali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir b'mod koordinat biex jappoġġaw l-isforzi tal-UE biex tikseb żieda rapida u sinifikanti fl-infiq fid-difiża[5] u din il-proposta ntlaqgħet mill-Kunsill Ewropew tas-6 ta' Marzu 2025. Wara t-talba tal-Litwanja, fit-8 ta' Lulju 2025, il-Kunsill, fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, adotta Rakkomandazzjoni li tippermetti lil-Litwanja tiddevja mir-rati massimi ta' tkabbir rakkomandati tan-nefqa netta[6]. Il-perjodu meta tiġi attivata l-klawżola liberatorja nazzjonali (2025-2028) tippermetti lil-Litwanja tipprijoritizza mill-ġdid in-nefqa tal-gvern jew iżżid id-dħul tal-gvern, biex in-nefqa ogħla għad-difiża sservi fit-tul u ma tipperikolax is-sostenibbiltà fiskali fuq terminu medju.

---

4 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Lulju 2025 li tapprova l-pjan fiskali strutturali nazzjonali ta' terminu medju tal-Litwanja (ĠU C, C/2025/3959, 20.8.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/3959/oj).

5 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Nakkomodaw żieda fin-nefqa fid-difiża fil-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir", Brussell, 19.3.2025, C(2025) 2000 final.

6 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Lulju 2025 li tippermetti lil-Litwanja tiddevja mir-rati massimi ta' tkabbir tan-nefqa netta kif stabbiliti mill-Kunsill skont ir-Regolament (UE) 2024/1263 (Attivazzjoni tal-klawżola liberatorja nazzjonali) (ĠU C, C/2025/3969, 20.8.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/3969/oj).

(8) Fit-30 ta' April 2026, il-Litwanja ppreżentat ir-Rapport ta' Progress Annwali 2026 tagħha[7] dwar l-aderenza mar-rati massimi ta' tkabbir rrakkomandati tan-nefqa netta u l-implimentazzjoni ta' riformi u investimenti li jirrispondu għall-isfidi ewlenin identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tas-Semestru Ewropew.

(9) It-tkabbir tal-PDG reali fl-2025 kien ta' 2,9 % u l-inflazzjoni tal-HICP kienet ta' 3,4 %. It-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni jipprojetta li l-PDG reali jikber bi 3,0 % fl-2026 u 2,1 % fl-2027, u l-inflazzjoni tal-HICP ser tkun ta' 4,4 % fl-2026 u 2,7 % fl-2027.

(10) Abbażi tad-data pprovduta mill-Eurostat[8], id-defiċit tal-gvern estiż tal-Litwanja żdied minn 1,3 % tal-PDG fl-2024 għal 1,8 % tal-PDG fl-2025, prinċipalment minħabba trasferimenti soċjali ogħla u żidiet fil-pagi pubbliċi. Abbażi ta' miżuri ta' politika magħrufa fid-data limitu tat-tbassir, it-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni jipprojetta defiċit ta' 2,2 % tal-PDG fl-2026 u 2,7 % tal-PDG fl-2027. Iż-żieda fid-defiċit fl-2026 u fl-2027 hija xprunata min-naħa tan-nefqa, b'mod partikolari minn infiq ogħla fuq l-investimenti nazzjonali (2026), id-difiża (2027) u t-trasferimenti soċjali u l-pagamenti tal-imgħax (fis-sentejn li huma).

---

7 Ir-Rapporti ta' Progress Annwali 2026 huma disponibbli hawn: https://economy-finance.ec.europa.eu/economic-and-fiscal-governance/stability-and-growth-pact/preventive-arm/annual-progress-reports_en.

8 Il-Eurostat-Indikaturi tal-Euro, 22.04.2026.

(11) Abbażi tal-estimi tal-Kummissjoni, il-pożizzjoni fiskali[9], li tinkludi kemm nefqa ffinanzjata fil-livell nazzjonali kif ukoll nefqa ffinanzjata mill-UE, kienet espansjonarja, b'1.4 % tal-PDG, fl-2025. Hija projettata li tkun espansjonarja, b'1,0 % tal-PDG, fl-2026, u restrittiva, b'0,4 % tal-PDG, fl-2027.

(12) Abbażi tad-data pprovduta mill-Eurostat[10], id-dejn tal-gvern estiż tal-Litwanja żdied minn 38,0 % tal-PDG fi tmiem l-2024 għal 39,5 % tal-PDG fi tmiem l-2025. Iż-żieda fil-proporzjon tad-dejn fl-2025 tirrifletti prinċipalment l-aġġustament bejn l-istokk u l-flussi. Abbażi tal-miżuri ta' politika magħrufa fid-data limitu tat-tbassir, it-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni jipprojetta li l-proporzjon tad-dejn għall-PDG jiżdied għal 44,6 % sa tmiem l-2026 u jkompli jiżdied għal 48,4 % sa tmiem l-2027. Iż-żieda fid-dejn pubbliku tal-Litwanja hija xprunata minn aġġustamenti sinifikanti bejn l-istokk u l-flussi prinċipalment relatati mas-surpluses tal-fond tas-sigurtà soċjali li jirriżultaw f'akkumulazzjoni tal-assi aktar milli f'ripagamenti tad-dejn u l-prefinanzjament tan-nefqa fid-difiża, kif ukoll żieda fid-defiċit.

(13) Abbażi tad-data tal-Eurostat[11], in-nefqa totali fid-difiża tal-gvern estiż fil-Litwanja kienet tammonta għal 2,7 % tal-PDG fl-2025, li tikkorrispondi għal żieda ta' 1,2 punti perċentwali tal-PDG meta mqabbla mas-sena ta' referenza 2021. Skont it-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni, hija projettata li tkun fil-livell ta' 2,9 % tal-PDG fl-2026, li jikkorrispondi għal żieda ta' 1,5 punti perċentwali tal-PDG meta mqabbla mal-2021[12].

---

9 Il-pożizzjoni fiskali hija definita bħala kejl tal-bidla annwali fil-pożizzjoni baġitarja sottostanti tal-gvern estiż. Għandha l-għan li tivvaluta l-impuls ekonomiku li jirriżulta mill-politiki fiskali, kemm dawk li huma ffinanzjati fil-livell nazzjonali kif ukoll dawk li huma ffinanzjati mill-baġit tal-UE. Il-pożizzjoni fiskali titkejjel bħala d-differenza bejn (i) it-tkabbir potenzjali fuq perjodu medju ta' żmien u (ii) il-bidla fin-nefqa primarja netta mill-miżuri diskrezzjonali tad-dħul u inkluż in-nefqa ffinanzjata minn appoġġ (għotjiet) mhux ripagabbli mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u minn fondi oħra tal-Unjoni.

10 Il-Eurostat-Indikaturi tal-Euro, 22.04.2026.

11 Il-Eurostat, in-nefqa tal-gvern skont il-klassifikazzjoni tal-funzjonijiet tal-gvern (COFOG).

12 Id-definizzjoni tal-infiq fid-difiża tan-NATO hija differenti mid-definizzjoni tad-difiża tal-COFOG. Barra minn hekk, jista' jkun hemm differenzi minħabba ż-żmien tar-reġistrazzjoni tan-nefqa, b'mod partikolari t-tagħmir militari, peress li r-rappurtar tan-NATO ma jsegwix ir-regoli tal-kontijiet nazzjonali għaż-żmien tar-reġistrazzjoni.

(14) L-Unjoni tkompli tiffaċċa riskji ta' interruzzjonijiet fil-provvista tal-enerġija u volatilità għolja tal-prezzijiet, aggravati minn tensjonijiet ġeopolitiċi li jaffettwaw is-swieq globali taż-żejt u tal-gass. L-esperjenza mill-kriżi tal-enerġija tal-2022–2023 uriet li miżuri wiesgħa u mhux immirati jinvolvu kostijiet fiskali kbar u huma soċjalment u ekonomikament ineffiċjenti. Mit-tifqigħa tal-gwerra fil-Lvant Nofsani fi Frar 2026, il-Litwanja adottat għadd ta' miżuri ta' politika fiskali biex ittaffi l-impatt tal-prezzijiet għoljin tal-enerġija fuq l-unitajiet domestiċi u d-ditti[13]. Dawn jinkludu tnaqqis mhux immirat fit-taxxa tas-sisa fuq id-diżil u tnaqqis immirat fit-taxxa tas-sisa fuq id-diżil agrikolu, it-tnejn li huma mis-16 ta' April sal-15 ta' Ġunju 2026. Skont it-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni, il-kost fiskali ta' dawn il-miżuri huwa projettat li jammonta għal inqas minn 0,1 % tal-PDG fl-2026. Skont l-istimi tal-Kummissjoni, jekk dawn il-miżuri kellhom jibqgħu fis-seħħ sa tmiem l-2026, il-kost fiskali tagħhom jammonta għal 0,1 % tal-PDG fl-2026.

(15) Abbażi tal-kalkoli tal-Kummissjoni, in-nefqa netta fil-Litwanja kibret b'10,5 % fl-2025. It-tkabbir tan-nefqa netta fl-2025 huwa projettat li jkun ogħla mir-rata massima ta' tkabbir rakkomandata, li tikkorrispondi għal devjazzjoni ta' 1,5 % tal-PDG f'termini annwali. Filwaqt li titqies il-flessibbiltà għal infiq ogħla fid-difiża prevista mill-klawżola liberatorja nazzjonali, id-devjazzjoni kumulattiva tan-nefqa netta tammonta għal 0,3 % tal-PDG.

---

[13] Dan jirrifletti s-sitwazzjoni fid-data limitu tat-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni (4 ta' Mejju 2026).

(16) Abbażi tal-kalkoli tal-Kummissjoni, in-nefqa netta fil-Litwanja hija projettata li tikber b'7,2 % fl-2026, u bi 18,4 % b'mod kumulattiv tul l-2025 u l-2026. It-tkabbir projettat fin-nefqa netta fl-2026 huwa ogħla mir-rata massima ta' tkabbir rakkomandata, li tikkorrispondi għal devjazzjoni ta' 0,7 % tal-PDG f'termini annwali. Meta jitqiesu l-2025 u l-2026 flimkien, ir-rata ta' tkabbir kumulattiv tan-nefqa netta projettata hija wkoll ogħla mir-rata massima ta' tkabbir rakkomandata, li tikkorrispondi għal devjazzjoni ta' 2,2 % tal-PDG f'termini kumulattivi. Filwaqt li titqies il-flessibbiltà għal infiq ogħla fid-difiża prevista mill-klawżola liberatorja nazzjonali, meta jitqiesu l-2025 u l-2026 flimkien, id-devjazzjoni kumulattiva projettata tan-nefqa netta tammonta għal 0,7 % tal-PDG.

(17) Id-dħul mit-taxxa tal-gvern estiż għadu baxx meta mqabbel mal-medja tal-UE, fil-livell ta' 33,3 % tal-PDG fl-2024, meta mqabbel ma' 40,4 % fl-UE. B'mod partikolari, id-dħul mill-proprjetà immobbli rikorrenti u t-tassazzjoni ambjentali, li huma inqas detrimentali għat-tkabbir, għadu baxx, fil-livell ta' 0,3 % u 1,8 % tal-PDG rispettivament fil-Litwanja, meta mqabbel ma' 0,9 % u 2,1 % fl-UE. Filwaqt li r-riforma rikorrenti reċenti tat-taxxa fuq il-proprjetà immobbli tejbet l-aġġornament tal-valuri katastali għall-prezzijiet tas-suq, il-potenzjal tad-dħul tagħha għadu ristrett mil-livell limitu għoli ta' eżenzjoni għar-residenzi primarji u l-progressività limitata tar-rata. Fl-istess ħin, minkejja l-bidliet pożittivi introdotti bir-riforma tat-taxxa tal-2026, is-sistema tat-taxxa tkompli tippermetti arbitraġġ tat-taxxa bejn l-impjieg, l-impjieg indipendenti u ċerti forom ta' negozju inkorporat, toħloq distorsjonijiet, tnaqqas il-progressività u ddgħajjef il-ġbir tad-dħul. Għalkemm il-progress fid-diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni tat-taxxa u l-użu mifrux tal-iffajljar elettroniku u d-dikjarazzjonijiet mimlija minn qabel għenu biex titnaqqas id-diskrepanza fil-konformità tal-VAT għal 13,2 % fl-2024, jippersistu l-isfidi ta' konformità, u l-ekonomija sewda għadha ogħla mill-medja tal-UE. Minkejja progress fl-eliminazzjoni gradwali tas-sussidji għall-fjuwils fossili, diversi miżuri mhux immirati ta' appoġġ għadhom fis-seħħ, inkluż dazji tas-sisa mnaqqsa fuq il-gass naturali użat għat-tisħin u trattament tat-taxxa preferenzjali għal ċerti użi tal-fjuwils fossili. B'mod partikolari, is-sussidji għall-fjuwils fossili li la jindirizzaw il-faqar enerġetiku b'mod immirat u lanqas tħassib ġenwin dwar is-sigurtà tal-enerġija, ma jxekklu l-elettrifikazzjoni u mhumiex kruċjali għall-kompetittività industrijali jistgħu jitqiesu bħala prijorità ta' eliminazzjoni gradwali.

(18) Minkejja ż-żidiet reċenti, l-infiq pubbliku fuq is-saħħa u l-kura fit-tul, il-protezzjoni soċjali u s-servizzi pubbliċi ġenerali għadu ferm taħt il-medja tal-UE, u jillimita l-aċċess f'waqtu u ugwali għal servizzi ta' kwalità għolja. Abbażi tad-data tal-Eurostat[14], fl-2024, l-infiq fuq il-protezzjoni soċjali kien fil-livell ta' 14,7 % tal-PDG, meta mqabbel ma' 19,6 % fl-UE, filwaqt li l-infiq fuq il-kura tas-saħħa kien jammonta għal 5,8 % tal-PDG, meta mqabbel ma' 7,4 % fl-UE u l-kura fit-tul fil-livell ta' 1,0 % meta mqabbla ma' 1,7 % fl-UE. L-infiq fuq is-servizzi pubbliċi ġenerali[15] baqa' strutturalment baxx fil-livell ta' 3,6 % tal-PDG, fost l-aktar livelli baxxi fl-UE. Fil-kura tas-saħħa, in-nuqqas ta' investiment persistenti, inkluż fl-infrastruttura, ikompli jkun ta' piż fuq l-aċċess, il-kwalità u l-eżiti. Il-mudell ta' finanzjament tal-istituzzjonijiet tal-kura tas-saħħa huwa nieqes mill-effettività peress li d-dħul mill-kontribuzzjonijiet tal-assigurazzjoni tas-saħħa għadu strutturalment insuffiċjenti biex ikopri d-domanda għas-servizzi tal-kura tas-saħħa u l-kost tagħhom, u jikkontribwixxi għal defiċit li qed jiżdied tal-Fond Nazzjonali tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa, djun tal-istituzzjonijiet tal-kura tas-saħħa, ħtiġijiet tal-kura tas-saħħa mhux issodisfati u wieħed mill-ogħla ħlasijiet mill-but għall-pazjenti fl-UE, bil-farmaċewtiċi u l-kura dentali jammontaw għal terz ta' dawn il-pagamenti kull wieħed. Fil-protezzjoni soċjali, l-infiq baxx ikompli jillimita l-impatt fuq it-tnaqqis tal-faqar tat-trasferimenti, filwaqt li jippersistu lakuni fil-forniment tas-servizzi soċjali, anki minħabba d-dgħufija fil-mudell ta' finanzjament attwali. Għalkemm il-Litwanja tiffinanzja sehem konsiderevoli ta' servizzi soċjali mill-baġit nazzjonali u tippjana li tintroduċi basktijiet ta' servizzi soċjali individwalizzati li jistabbilixxu livelli minimi ta' finanzjament, is-servizzi soċjali ffinanzjati mill-baġits muniċipali għadhom mhux uniformi fost il-muniċipalitajiet, ma jaqblux bis-sħiħ mad-domanda attwali, u spiss ikunu kkaratterizzati minn ħinijiet twal ta' stennija u finanzjament muniċipali insuffiċjenti.

[14] Il-Eurostat, in-nefqa tal-gvern skont il-klassifikazzjoni tal-funzjonijiet tal-gvern (COFOG).
[15] Skont il-klassifikazzjoni tal-COFOG, "servizzi pubbliċi ġenerali" tirreferi għan-nefqa għall-funzjonament ġenerali tal-gvern, inkluż l-amministrazzjoni ċentrali, il-korpi leġiżlattivi u eżekuttivi, l-affarijiet fiskali u barranin, it-tranżazzjonijiet tad-dejn pubbliku u t-trasferimenti ġenerali bejn il-livelli tal-gvern.

(19) L-involviment sistematiku, sinifikanti u f'waqtu tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, is-sħab soċjali, is-soċjetà ċivili u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra jibqa' essenzjali sabiex tiġi żgurata sjieda wiesgħa għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-istrumenti ta' finanzjament tal-Unjoni, kif ukoll fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.

(20) Fil-Litwanja, l-implimentazzjoni tal-programmi ta' politika ta' koeżjoni, li jinkludu appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF), il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) u l-Fond ta' Koeżjoni (FK), hija ogħla mill-pass medju fil-livell tal-UE, kemm f'termini tal-għażla tal-proġetti kif ukoll tal-pagamenti. Huwa importanti li jinżamm il-momentum attwali, filwaqt li jiġi massimizzat l-impatt tal-investimenti fil-prattika. Il-Litwanja diġà qed tieħu azzjoni fil-qafas tal-programmi ta' politika ta' koeżjoni biex tagħti spinta lill-kompetittività u t-tkabbir. Madankollu, xi oqsma jistgħu jeħtieġu aktar tisħiħ fl-implimentazzjoni, inkluż dawk relatati ma' disparitajiet reġjonali persistenti, il-prestazzjoni tal-innovazzjoni barra miċ-ċentri urbani kbar, id-dekarbonizzazzjoni tat-trasport, u l-aċċessibbiltà tas-servizzi pubbliċi partikolarment fiż-żoni rurali. Fl-istess ħin, il-Litwanja jeħtieġ li taċċellera l-implimentazzjoni tal-JTF peress li r-riżorsi huma dovuti għall-iżborż sa tmiem l-2026. Huwa essenzjali li jiġi żgurat li l-investimenti l-ġodda identifikati mil-Litwanja fir-rieżami ta' nofs it-terminu tagħha tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni, b'mod partikolari dawk marbuta mal-ħames prijoritajiet identifikati fir-Regolament dwar ir-Rieżami ta' Nofs it-Terminu[16], jintużaw malajr u b'mod effettiv.

[16] Ir-Regolament (UE) 2025/1914 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Settembru 2025 li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1058 u (UE) 2021/1056 fir-rigward ta' miżuri speċifiċi sabiex jiġu indirizzati sfidi strateġiċi fil-kuntest tar-rieżami ta' nofs it-terminu.

(21) Bħala pajjiż fil-fruntiera esterna tal-Lvant tal-UE, il-Litwanja qed tiffaċċa sfidi addizzjonali li jxekklu l-prospetti tagħha għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali peress li jaggravaw l-isfidi strutturali eżistenti. L-impatt mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna jżid il-pressjonijiet tas-sigurtà, ifixkel l-attivitajiet ekonomiċi transfruntiera u jnaqqas l-attraenza tal-investiment u jkompli jillimita l-aċċess għall-finanzjament. It-tħassib dwar is-sigurtà għan-nies u l-infrastruttura kritika jirrikjedi investimenti fil-protezzjoni ċivili, il-preparatezza u l-mobbiltà militari fil-pajjiż kollu, li jistgħu jipprovdu opportunitajiet għall-ekonomiji tar-reġjuni, filwaqt li jżidu aktar pressjoni fuq il-finanzjament tas-servizzi pubbliċi.

(22) Il-Litwanja qed tiffaċċa diversi sfidi relatati mat-titjib tal-aċċess għall-finanzi għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs, small and medium-sized enterprises), it-tisħiħ tal-kapaċità innovattiva, l-ixprunar tal-effiċjenza enerġetika u l-adozzjoni tal-enerġija rinnovabbli, it-tisħiħ tas-sistemi tal-protezzjoni soċjali u tal-kura tas-saħħa, u l-indirizzar tad-disparitajiet fl-edukazzjoni u l-ħiliet rilevanti għas-suq tax-xogħol.

(23) Is-settur bankarju għadu b'saħħtu skont l-istandards tal-UE, iżda l-aċċess għall-finanzi huwa mxekkel minn averżjoni għolja għar-riskju u restrizzjonijiet strutturali. Minkejja likwidità u depożiti abbundanti, il-banek jikkonvertu sehem relattivament żgħir f'self, li jirrifletti ineffiċjenzi persistenti. Fl-istess ħin, is-swieq kapitali Litwani għadhom żgħar u illikwidi minkejja l-isforzi biex titrawwem l-integrazzjoni reġjonali mal-Estonja u l-Latvja. Il-kapitalizzazzjoni tas-suq fuq Nasdaq Vilnius hija ta' madwar 6,2 % tal-PDG (it-tielet trimestru tal-2025), ferm taħt il-livelli ta' qabel l-2009 (30 %) u l-medja tal-UE (69,9 %) u hija ristretta minn għadd baxx ta' kumpaniji elenkati, u tillimita l-opportunitajiet ta' investiment u l-ġbir ta' kapital lokali. Barra minn hekk, il-Parlament Litwan (Seimas) emenda l-Liġi dwar l-Akkumulazzjoni tal-Pensjonijiet f'Ġunju 2025, u sostitwixxa r-reġistrazzjoni awtomatika fit-tieni pilastru ma' parteċipazzjoni volontarja u ppermetta l-irtirar parzjali u sħiħ wiesa' tat-tfaddil tal-pensjoni. Dawn il-bidliet naqqsu b'mod sinifikanti l-parteċipazzjoni (bi 38 % fl-ewwel trimestru tal-2026) u komplew inaqqsu l-livell diġà baxx ħafna ta' tfaddil tal-Litwanja akkumulat fil-fondi tal-pensjonijiet, li kien fil-livell ta' 12,2 % tal-PDG fi tmiem l-2024 qabel ir-riforma.

(24) Il-Litwanja tkompli tiffaċċa livelli moderati ta' attività innovattiva, li għadhom lura meta mqabbla mal-medja tal-UE fuq diversi indikaturi tar-riċerka u l-innovazzjoni (R&I). Filwaqt li l-investiment pubbliku fir-riċerka u l-iżvilupp (R&Ż) jinsab fit-triq it-tajba biex jilħaq il-miri nazzjonali, l-intensità tar-R&Ż fil-Litwanja (madwar 1 % tal-PDG) hija ferm taħt il-medja tal-UE (2,24 %), prinċipalment minħabba livelli baxxi ta' investiment kummerċjali fir-R&Ż (terz tal-medja tal-UE). Bl-istess mod, l-għadd ta' applikazzjonijiet għal privattivi għadu tliet darbiet taħt il-medja tal-UE. Għalkemm il-Litwanja tipprovdi inċentivi fiskali ġenerużi għar-R&Ż, l-użu tagħhom għadu limitat fost l-SMEs. Biex jiġu rieżaminati u simplifikati l-inċentivi fiskali, ġiet proposta riforma mill-Ministeru għall-Ekonomija u l-Innovazzjoni biex jiġi simplifikat il-proċess ta' applikazzjoni għall-kisba ta' tali inċentivi, iżda għadha ma għaddietx il-vot tal-gvern. Sabiex tkompli tħeġġeġ l-investiment privat fir-R&Ż, il-Litwanja tista' addizzjonalment tirfina l-inċentivi fiskali biex tappoġġa ditti ġodda li għadhom qed jagħmlu t-telf.

(25) Ir-reġistrazzjoni fl-edukazzjoni terzjarja fl-oqsma tax-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika (STEM, science, technology, engineering and mathematics) għadha baxxa (25 % meta mqabbla mal-mira tal-UE ta' 32 %), b'disparitajiet kbar bejn il-ġeneri (in-nisa jirrappreżentaw biss 27,3 % tal-istudenti STEM meta mqabbla mal-medja tal-UE ta' 32,2 %). Flimkien ma' rati għoljin ta' tluq bikri mill-iskola u assorbiment relattivament baxx mis-suq tax-xogħol tal-gradwati STEM, dan jikkontribwixxi għal nuqqas persistenti ta' ħaddiema f'setturi ewlenin ta' tranżizzjoni u tkabbir, b'mod partikolari t-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni . Filwaqt li ġew introdotti boroż ta' studju STEM addizzjonali għall-istudenti f'reġjuni barra Kaunas u Vilnius, huma meħtieġa aktar miżuri mmirati biex jinċentivaw ir-reġistrazzjoni, inaqqsu d-differenza bejn il-ġeneri, u jnaqqsu r-rati ta' tluq bikri mill-iskola.

(26) Ir-rata ta' kopubblikazzjonijiet xjentifiċi pubbliċi-privati tal-Litwanja hija l-aktar baxxa fl-UE, filwaqt li n-nefqa pubblika fuq ir-R&Ż iffinanzjata minn intrapriżi tan-negozju hija fil-livell ta' terz tal-medja tal-UE, li t-tnejn jindikaw rabtiet dgħajfa bejn ix-xjenza u n-negozju. Fattur kontribwenti importanti huwa d-dgħufija strutturali u istituzzjonali tal-bażi pubblika tax-xjenza, bil-kapaċità tar-riċerka u l-innovazzjoni mifruxa madwar bosta universitajiet u istituzzjonijiet tar-riċerka. Il-Litwanja qed tippjana li twettaq evalwazzjoni komprensiva tal-prestazzjoni tal-bażi pubblika kollha tar-riċerka – universitajiet, kulleġġi u istituti tar-riċerka. Madankollu, dan l-eżerċizzju ser jibda fl-2028. Barra minn hekk, filwaqt li r-reġim attwali tal-proprjetà intellettwali (PI) tal-Litwanja jippermetti sjieda kondiviża bejn l-universitajiet u n-negozji, in-negozji mhux dejjem ikunu konxji ta' dan ir-reġim flessibbli, li jxekkel il-kooperazzjoni bejn ix-xjenza u n-negozju.

(27) Id-disparitajiet reġjonali fil-Litwanja għadhom sinifikanti u qed jikbru, peress li Vilnius u ftit bliet akbar jikkonċentraw il-popolazzjoni, l-introjti ogħla u s-servizzi pubbliċi ta' kwalità, filwaqt li kontej oħra, speċjalment żoni rurali, għadhom lura. Għalkemm issaħħet il-bażi legali għall-kooperazzjoni intermuniċipali, il-kooperazzjoni fil-prattika għadha limitata u frammentata, ristretta minn arranġamenti sottożviluppati ta' kondiviżjoni tal-kostijiet, kapaċità amministrattiva mhux uniformi u ċentralizzazzjoni fiskali għolja. L-implimentazzjoni s'issa qagħdet fil-biċċa l-kbira fuq ftehimiet ad hoc, mudelli ta' delega jew ta' kuntrattar u arranġamenti speċifiċi għas-settur, aktar milli qafas sistematiku għall-forniment ta' servizzi konġunti dejjiema f'diversi muniċipalitajiet. Appoġġ istituzzjonali aktar b'saħħtu, flimkien ma' inċentivi adegwati, jgħin biex jinġabru flimkien ir-riżorsi, jittejjeb il-forniment ta' servizzi u infrastruttura pubbliċi, u jiġi attirat l-investiment lejn reġjuni li għadhom lura.

(28) Il-Litwanja għamlet progress fl-espansjoni tal-kapaċità domestika tal-enerġija rinnovabbli, li żdiedet b'aktar minn 30 % meta mqabbla mal-2024 għal 6 121 MW fl-2025, xprunata minn tkabbir qawwi fl-enerġija solari u dik eolika fuq l-art. Il-pajjiż espanda wkoll il-ġenerazzjoni deċentralizzata tal-enerġija rinnovabbli. Il-Litwanja qed tagħmel progress biex tnaqqas id-dipendenza tagħha fuq l-elettriku importat, iżda għad hemm sfidi fl-espansjoni tal-flessibbiltà tas-sistema u fl-iżgurar tal-integrazzjoni tas-suq għall-proġetti tal-enerġija rinnovabbli. Dan jesponi lill-pajjiż għal fluttwazzjonijiet esterni fil-prezzijiet u jsaħħaħ il-ħtieġa li tiġi protetta l-infrastruttura kritika biex jiġu evitati riskji potenzjali tal-provvista. Il-Litwanja saħħet is-sistema tal-elettriku tagħha, inkluż permezz ta' riformi biex jiġu simplifikati l-ħruġ tal-permessi, l-investimenti fl-infrastruttura tat-trażmissjoni u l-ħżin, u s-sinkronizzazzjoni maż-Żona Sinkronika Kontinentali Ewropea. Madankollu, ir-restrizzjonijiet fil-kapaċità tal-grilja, il-flessibbiltà tas-sistema u l-interkonnessjonijiet transfruntiera jkomplu jillimitaw l-integrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli u jikkontribwixxu għall-volatilità tal-prezzijiet.

(29) Il-konsum tal-enerġija residenzjali jkompli jiżdied hekk kif l-espansjoni tal-istokk tal-akkomodazzjoni u l-erja tal-art li qed tikber tal-bini eżistenti jegħlbu l-gwadanji fl-effiċjenza mill-miżuri ta' rinnovazzjoni. It-tisħin u t-tkessiħ jammontaw għal 79 % tal-konsum tal-enerġija residenzjali, li fil-biċċa l-kbira għadu bbażat fuq il-gass naturali anki b'penetrazzjoni li qed tikber ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli. Minkejja l-isforzi sinifikanti li saru f'dawn l-aħħar snin – biex ittejjeb il-koordinazzjoni tar-rinnovazzjonijiet tal-bini u tavvanzahom – il-Litwanja tinsab f'riskju li ma tilħaqx it-tnaqqis immirat tagħha (15 %) fil-konsum tal-enerġija primarja sal-2030, li min-naħa tiegħu, jimpedixxi l-progress fl-indirizzar tas-sigurtà tal-enerġija u tal-faqar enerġetiku. Introduzzjoni ulterjuri u aċċellerata tar-rinnovazzjonijiet tal-bini hija meħtieġa biex jitnaqqsu d-domanda għall-enerġija u l-kostijiet tat-tisħin u tat-tkessiħ. L-implimentazzjoni ta' miżuri f'dan ir-rigward qed tiffaċċa sfidi strutturali, inkluż ostakli fl-implimentazzjoni, bħan-nuqqas ta' ħaddiema, li jeħtieġ li jiġu indirizzati.

(30) Il-Litwanja qed tiffaċċa sfidi fit-tranżizzjoni tagħha lejn ekonomija ċirkolari u industrija b'emissjonijiet żero netti. Il-progress fl-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ waqaf u t-trattament għadu kkonċentrat fil-livelli aktar baxxi tal-ġerarkija tal-iskart. Il-produttività tar-riżorsi fil-Litwanja hija darbtejn aktar baxxa mill-medja tal-UE u r-raba' l-aktar baxxa fl-UE, b'impatt fuq l-effiċjenza fir-riżorsi u l-kostijiet tal-produzzjoni tal-industriji. Ir-rata tal-użu tal-materjal ċirkolari hija tliet darbiet aktar baxxa mill-medja tal-UE u ilha staġnata fl-istess livell għal dawn l-aħħar 10 snin. L-industrija mhijiex sors ewlieni ta' emissjonijiet fil-Litwanja, iżda l-intensità tal-emissjonijiet tagħha hija kważi d-doppju tal-medja tal-UE. Madankollu, huwa nieqes approċċ armonizzat għall-promozzjoni tad-dekarbonizzazzjoni tal-produzzjoni industrijali, tekniki ċirkolari u teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, li jikkombina l-inċentivi ta' politika u l-mekkaniżmi ta' finanzjament. Sadanittant, it-tranżizzjoni industrijali tista' tkun akkumpanjata minn bidla lejn ekonomija aktar ċirkolari speċjalment fl-imballaġġ, fil-materjali tal-kostruzzjoni u fil-ktajjen tal-valur tal-bijoekonomija. Il-ktajjen tal-provvista tal-Litwanja huma aktar dipendenti fuq is-servizzi tal-ekosistema mill-medja tal-UE, filwaqt li l-vulnerabbiltà tal-infrastruttura tat-trasport għar-riskji relatati mal-klima hija fost l-ogħla fl-UE. L-investiment fil-protezzjoni tal-kapital naturali u l-adattament għat-tibdil fil-klima huwa għalhekk importanti għall-kompetittività ekonomika.

(31) L-emissjonijiet tat-trasport fil-Litwanja għadhom għoljin b'mod persistenti, bit-trasport bit-triq jammonta għal 44 % tal-emissjonijiet tal-kondiviżjoni tal-isforzi fl-2024. Minkejja l-passi inizjali biex jiżdied l-użu tat-trasport sostenibbli, l-ivvjaġġar tal-passiġġieri huwa kkaratterizzat minn dipendenza estrema fuq il-karozzi, bi 92,1 % tal-vjaġġi magħmula minn vetturi privati fl-2024. Din id-dipendenza hija sostnuta minn waħda mill-eqdem u l-aktar flotot li jniġġsu tal-karozzi fl-UE, fejn aktar minn 27 % tal-vetturi għandhom mill-inqas 20 sena u 63,4 % għadhom jaħdmu bid-diżil. L-adozzjoni ta' alternattivi aktar nodfa għadha kajmana, peress li l-vetturi elettriċi bil-batterija li għadhom kif ġew irreġistrati kienu jammontaw biss għal 5,9 % tas-suq fl-2024, ferm taħt il-medja tal-UE ta' 13,6 %. L-ostakli fiskali, bħan-nuqqas ta' taxxa annwali fuq it-tniġġis tal-karozzi, ikomplu jiddiżinċentivaw it-tiġdid tal-flotta, filwaqt li n-nuqqas ta' pedaġġ elettroniku implimentat għall-vetturi tqal ixekkel l-adozzjoni ta' alternattivi ekoloġiċi tat-trasport tal-merkanzija. L-isforzi biex jittejbu l-koordinazzjoni u l-attraenza tat-trasport pubbliku għadhom għaddejjin iżda għadhom ma rriżultawx f'bidla modali sinifikanti. L-użu tat-trasport pubbliku huwa mxekkel minn konnettività intermuniċipali fqira u ppjanar frammentat. It-trasport ferrovjarju jkompli jkollu potenzjal mhux sfruttat għad-dekarbonizzazzjoni, iżda l-impatt ambjentali tiegħu huwa limitat minn rata baxxa ta' elettrifikazzjoni ta' 7,9 %, meta mqabbel mal-medja tal-UE ta' 56,9 %. Filwaqt li proġetti bħall-elettrifikazzjoni tal-linja Kaišiadorys-Klaipėda mexjin 'il quddiem, il-proġett transfruntier Rail Baltica qed jiffaċċa dewmien u mhuwiex mistenni li jitlesta qabel l-2030.

(32) Is-sistema tal-kura tas-saħħa tal-Litwanja hija kkaratterizzata minn rata għolja ta' mortalità li tista' tiġi ttrattata u evitata, u minn stennija tal-għomor fit-twelid li hija taħt il-medja tal-UE. L-eżiti tal-kura tas-saħħa tal-pajjiż huma kkaratterizzati wkoll minn rata ogħla ta' mortalità fl-età tax-xogħol mill-medja tal-UE, u proporzjon sinifikanti tal-popolazzjoni tiffaċċa sfidi fl-aċċess għal servizzi tal-kura tas-saħħa ta' kwalità. Barra minn hekk, is-sistema tal-kura tas-saħħa hija affettwata minn nuqqas ta' ħaddiema tas-saħħa, partikolarment f'żoni remoti, u forza tax-xogħol tal-infermiera akbar fl-età, li jkollhom impatt fuq il-forniment tas-servizzi tal-kura tas-saħħa. Id-distribuzzjoni ġeografika mhux uniformi tat-tobba u r-remunerazzjoni relattivament baxxa tal-prattikanti ġenerali jillimitaw ukoll l-aċċess għall-kura. Barra minn hekk, is-sistema tal-kura fit-tul (LTC, long-term care) qed tiffaċċa sfidi sinifikanti, b'għadd baxx ta' ħaddiema tal-LTC għal kull 100 individwu ta' 65 sena u aktar, u l-mudell komprensiv u integrat tal-LTC għadu qed jiġi implimentat.

(33) Minkejja li r-riformi reċenti, inkluż ir-riforma tal-introjtu minimu, qed jiġu implimentati, il-Litwanja tkompli tiffaċċa sfidi sinifikanti fl-indirizzar tal-inugwaljanza fl-introjtu, il-faqar u l-esklużjoni soċjali, u l-progress sa issa għadu limitat. Fl-2025, is-sehem ta' persuni f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali żdied għat-tieni sena konsekuttiva u laħaq 26,3 %, ferm ogħla mill-medja tal-UE, u poġġa l-mira tal-Litwanja għat-tnaqqis tal-faqar għall-2030 f'riskju sinifikanti. L-inugwaljanza fl-introjtu tibqa' wkoll waħda mill-ogħla fl-UE. Il-gruppi vulnerabbli huma partikolarment affettwati, b'mod partikolari l-persuni b'diżabbiltà, li r-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali tagħhom għadu l-ogħla fl-UE, il-persuni ta' 65 sena u aktar, u l-persuni li jgħixu f'reġjuni rurali u remoti. Dawn l-isfidi jindikaw dgħufijiet fil-kopertura, l-adegwatezza u l-effettività tas-sistema tal-protezzjoni soċjali (inkluż il-pensjonijiet). L-impatt fuq it-tnaqqis tal-faqar tal-benefiċċji soċjali għadu limitat minkejja rkupru żgħir fl-2025. L-adegwatezza tal-benefiċċji ewlenin għadha baxxa, peress li l-benefiċċji medji tal-qgħad, il-pensjonijiet tax-xjuħija, u l-assistenza soċjali għadhom taħt il-limitu tal-faqar, filwaqt li jippersistu lakuni fil-kopertura, b'mod partikolari fost il-ħaddiema awtonomi. Bidliet reċenti fl-iskema tal-pensjonijiet tat-tieni pilastru, inkluż it-tmiem tar-reġistrazzjoni awtomatika u l-espansjoni tal-opzjonijiet tal-irtirar, jistgħu jkomplu jdgħajfu l-adegwatezza tal-pensjonijiet futuri. Disparitajiet territorjali sinifikanti jippersistu fl-aċċess għas-servizzi soċjali fil-muniċipalitajiet kollha. Il-forniment ta' servizzi soċjali għadu irregolari, filwaqt li l-finanzjament tagħhom jiddependi wisq mill-fondi tal-UE u mhuwiex allinjat biżżejjed mad-domanda lokali. Dawn id-dgħufijiet huma aggravati min-nuqqas ta' data komprensiva fil-livell lokali, bażi tad-data ċentralizzata u sistema ta' monitoraġġ ċentralizzata effettiva għas-servizzi soċjali, u jillimitaw is-sorveljanza, l-ippjanar u l-ġestjoni tal-forniment tas-servizzi soċjali madwar il-pajjiż.

(34) Il-Litwanja tkompli tiffaċċa għadd kbir ħafna ta' applikanti għall-akkomodazzjoni soċjali u żminijiet twal ta' stennija. Fl-2025, 10 750 familja kienu fuq listi ta' stennija, u ż-żmien medju ta' stennija għall-akkomodazzjoni soċjali kien ta' 5,53 snin fl-2025. Għalkemm ammonti konsiderevoli ta' finanzjament tal-UE ġew allokati biex itejbu l-aċċess għall-akkomodazzjoni soċjali u l-kwalità tagħha, dawn l-isforzi huma mistennija li jindirizzaw parzjalment il-problema biss. Dan jissottolinja l-ħtieġa għal aktar miżuri, inkluż permezz tal-kostruzzjoni ta' unitajiet ta' akkomodazzjoni addizzjonali u politika soċjali xierqa, biex jiġi żgurat li l-akkomodazzjoni soċjali tissodisfa l-istandards bażiċi ta' kwalità u sikurezza u tkun aċċessibbli għall-gruppi vulnerabbli.

(35) Fid-dawl tar-rwol kruċjali tal-kapital uman fit-tisħiħ tal-kompetittività u l-awtonomija strateġika tal-Unjoni, fl-2026 il-Kunsill irrakkomanda li l-Istati Membri jieħdu azzjoni biex jindirizzaw b'mod urġenti l-isfidi strutturali relatati mal-kapital uman fil-qasam tal-ħiliet, l-edukazzjoni u t-taħriġ, li jfixklu l-kompetittività. Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2026 indirizzati lil-Litwanja jistgħu jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kapital uman fl-Unjoni.

(36) Is-sistema edukattiva ġenerali tal-Litwanja qed tiffaċċa sfidi persistenti, inkluż l-inekwità u disparitajiet urbani-rurali sinifikanti. Iż-żoni rurali jesperjenzaw parteċipazzjoni aktar baxxa fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, u eżiti edukattivi aktar dgħajfa. Filwaqt li l-inizjattivi ffinanzjati mill-RRF, bħall-Programm għall-Iskejjel tal-Millennju, tejbu l-inklużività u l-eżiti tal-apprendiment f'xi skejjel, l-aġġustamenti reċenti ta' politika li jippermettu klassijiet iżgħar fil-ġinnasji rurali jirriskjaw li jimminaw il-progress tat-titjib tal-kwalità, l-ekwità u l-effiċjenza tan-network tal-iskejjel.

(37) Il-professjoni tat-tagħlim qed tiffaċċa nuqqasijiet persistenti, partikolarment fiż-żoni rurali u fid-dixxiplini STEM. Bi kważi nofs l-għalliema żgħażagħ beħsiebhom jitilqu mill-professjoni fi żmien ħames snin u forza tax-xogħol li għandha l-ogħla proporzjon ta' għalliema akbar fl-età fl-iskejjel sekondarji tal-ewwel livell fl-UE, is-sistema edukattiva qed tiffaċċa sfidi sinifikanti. Biex jiġu indirizzati dawn in-nuqqasijiet, huma essenzjali miżuri mmirati biex jattiraw u jżommu l-għalliema.

(38) In-nuqqas ta' ħaddiema f'setturi ewlenin bħall-kura tas-saħħa, l-amministrazzjoni pubblika, it-trasport, u l-finanzi, jissottolinja dgħufijiet fis-sistema attwali tat-taħriġ fil-ħiliet. L-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET, vocational education and training) tal-Litwanja għadhom mhumiex attraenti biżżejjed, u jikkontribwixxu direttament għan-nuqqas ta' ħaddiema. Dan in-nuqqas ta' attraenza fil-programmi tal-VET jaggrava l-lakuni fil-forza tax-xogħol li jfixklu l-produttività u t-tkabbir ekonomiċi. It-tisħiħ tal-gwida tal-karriera fl-iskejjel permezz ta' miżuri prattiċi bħal job shadowing tal-VET u żjarat ta' taħriġ tal-impjegaturi jista' jtejjeb b'mod sinifikanti s-sensibilizzazzjoni tal-istudenti tal-opportunitajiet vokazzjonali u jtejjeb l-attraenza tal-VET. B'riformi importanti fl-edukazzjoni għolja, il-Litwanja ħadet passi biex iżżid ir-rilevanza tal-edukazzjoni għolja għas-suq tax-xogħol, iżda eżiti mtejba f'termini ta' allinjament tas-suq tax-xogħol huma mistennija biss mill-2028. It-tisħiħ kontinwu tar-rilevanza tas-suq tax-xogħol u l-kopertura tal-edukazzjoni għall-adulti, speċjalment għall-persuni qiegħda, għal dawk b'livell baxx ta' ħiliet, u għal gruppi vulnerabbli oħra, huwa essenzjali biex jiġu indirizzati d-diskrepanzi fil-ħiliet u n-nuqqas ta' ħaddiema.

(39) Il-qgħad persistenti, inkluż il-qgħad fit-tul, jindika dgħufijiet fil-funzjonament tal-politiki attivi tas-suq tax-xogħol. Fil-Litwanja, id-domanda għal politiki attivi tas-suq tax-xogħol taqbeż b'mod konsistenti l-għadd reali ta' parteċipanti, li jaffettwa b'mod negattiv il-kopertura ta' dawn il-politiki u, konsegwentement, l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol tal-persuni qiegħda. Filwaqt li l-politiki attivi tas-suq tax-xogħol jiddependu ħafna fuq il-finanzjament tal-UE, dan il-finanzjament qed jiġi eżawrit, flimkien ma' allokazzjoni baġitarja insuffiċjenti u kostijiet ta' politika li qed jiżdiedu, jikkostitwixxu fatturi ewlenin wara l-kopertura baxxa tal-politiki attivi tas-suq tax-xogħol. Fl-2025, il-parteċipazzjoni f'dawn il-politiki naqset għal kważi terz tal-livelli tal-2024 u hija mistennija li tibqa' f'dan il-livell ukoll fl-2026. Iż-żieda fil-finanzjament nazzjonali u l-iżvilupp ta' mudell ta' finanzjament sostenibbli jistgħu jtejbu l-kopertura tal-politika attiva tas-suq tax-xogħol u jgħinu biex jitnaqqas il-qgħad. Soċjetà li qed tikber malajr fl-età u t-tnaqqis projettat tal-forza tax-xogħol jirrikjedu sforzi addizzjonali biex tingħata spinta lill-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' persuni b'diżabilità, żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ, u gruppi vulnerabbli oħra, li jeħtieġu sforzi lil hinn mill-politiki attivi tas-suq tax-xogħol. L-indirizzar ta' dawn l-isfidi jikkontribwixxi wkoll għall-appoġġ tat-titjib fil-konverġenza soċjali, f'konformità mal-analiżi tal-pajjiżi tat-tieni stadju tas-servizzi tal-Kummissjoni tal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali[17].

(40) Fid-dawl tal-interkonnessjonijiet mill-qrib bejn l-ekonomiji tal-Istati Membri taż-żona tal-euro u l-kontribuzzjoni kollettiva tagħhom għall-funzjonament tal-Unjoni ekonomika u monetarja, fl-2026 il-Kunsill irrakkomanda li l-Istati Membri taż-żona tal-euro jieħdu azzjoni, inkluż permezz tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza tagħhom, biex jimplimentaw ir-Rakkomandazzjoni tal-2026 dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro. Għal-Litwanja, ir-rakkomandazzjoni (1) tgħin fl-implimentazzjoni tal-ewwel, it-tieni u t-tielet rakkomandazzjoni dwar iż-żona tal-euro, ir-rakkomandazzjoni (2) tgħin fl-implimentazzjoni tar-raba' rakkomandazzjoni dwar iż-żona tal-euro, ir-rakkomandazzjoni (3) tgħin fl-implimentazzjoni tal-ħames, is-seba' u l-ħdax-il rakkomandazzjoni dwar iż-żona tal-euro, ir-rakkomandazzjoni (4) tgħin fl-implimentazzjoni tas-seba' rakkomandazzjoni dwar iż-żona tal-euro u r-rakkomandazzjonijiet (5) u (6) jgħinu fl-implimentazzjoni tal-ħames rakkomandazzjoni dwar iż-żona tal-euro,

[17] SWD(2026)122 – Second-stage country analysis on social convergence in line with the Social Convergence Framework (SCF), 2026.

B'DAN JIRRAKKOMANDA li fl-2026 u fl-2027 il-Litwanja tieħu azzjoni biex:

1. Tieħu azzjoni biex tikkontrolla n-nefqa netta sabiex tirrispetta r-rati massimi ta' tkabbir rakkomandati mill-Kunsill fit-8 ta' Lulju 2025 minħabba d-devjazzjoni rreġistrata sal-2025 u d-devjazzjoni materjali projettata għall-2026 mill-Kummissjoni fir-rigward tal-limitu massimu tan-nefqa netta rakkomandat, filwaqt li tagħmel użu mill-flessibbiltà skont il-klawżola liberatorja nazzjonali attivata mill-Kunsill. Issaħħaħ l-infiq u l-prontezza ġenerali fid-difiża u s-sigurtà, filwaqt li tiżgura s-sostenibbiltà tad-dejn u l-effiċjenza fl-infiq, kif ukoll l-adattament gradwali tal-baġit biex isostni nfiq strutturalment ogħla fid-difiża. Tiżgura li l-miżuri li jittieħdu biex jittaffa l-impatt taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija jkunu temporanji, immirati lejn il-protezzjoni tal-unitajiet domestiċi vulnerabbli jew lejn l-indirizzar tal-ħtiġijiet tad-ditti intensivi fl-enerġija, jippreservaw l-inċentivi għall-iffrankar tal-enerġija u jiżguraw li l-kost fiskali tagħhom ikun kompatibbli mal-impenji skont il-qafas fiskali tal-UE. Tkompli twessa' d-dħul tal-gvern estiż billi żżid ir-rwol tat-taxxi li jagħmlu inqas ħsara lit-tkabbir, billi ittejjeb il-konformità mar-regoli tat-taxxa, billi tirrazzjonalizza u tissimplifika aktar ir-reġimi speċjali tat-taxxa, u billi tkompli telimina gradwalment is-sussidji għall-fjuwils fossili mhux immirati. Tipprovdi finanzjament adegwat għall-kura tas-saħħa, il-protezzjoni soċjali u s-servizzi pubbliċi ġenerali, u ttejjeb il-mudelli ta' finanzjament tas-servizzi soċjali u tal-istituzzjonijiet tal-kura tas-saħħa.

2. Tiżgura l-kontinwità tar-riformi u l-investimenti implimentati fil-qafas tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Issostni l-momentum tal-implimentazzjoni fil-qafas tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni filwaqt li tibni, fejn xieraq, fuq ir-riallokazzjoni għal prijoritajiet strateġiċi u flessibbiltajiet maqbula fil-kuntest tar-rieżami ta' nofs it-terminu tal-qafas tal-politika ta' koeżjoni. Tindirizza l-isfidi soċjoekonomiċi, tas-sigurtà u tal-preparatezza ċivili uniċi li jaffettwaw lir-reġjuni fil-fruntiera esterna tal-Lvant tal-UE, inkluż il-ħtieġa li jsir investiment f'infrastruttura b'użu doppju.

3. Ittejjeb l-aċċess għall-finanzi għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, inkluż billi tistimula l-kompetizzjoni fis-servizzi finanzjarji, ittejjeb il-likwidità tas-suq kapitali, tinkoraġġixxi parteċipazzjoni akbar fis-swieq finanzjarji. Tiffaċilita l-investiment privat fir-R&Ż, inkluż billi tirrieżamina l-inċentivi fiskali eżistenti. Tiżviluppa inċentivi għall-kollaborazzjoni bejn in-negozji u x-xjenza, fost oħrajn, billi ssaħħaħ il-kapaċità tal-bażi pubblika tax-xjenza biex tikkontribwixxi għall-innovazzjoni tan-negozju. Tinċentiva r-reġistrazzjoni fl-oqsma STEM tal-edukazzjoni postsekondarja b'mod partikolari għan-nisa. Tindirizza d-disparitajiet reġjonali billi ssaħħaħ l-appoġġ istituzzjonali u l-inċentivi għall-promozzjoni tal-kooperazzjoni intermuniċipali għall-forniment kondiviż ta' servizzi pubbliċi u tattira investimenti lejn ir-reġjuni.

4. Tkompli tnaqqas id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili u l-enerġija importata u tiżgura kapaċità suffiċjenti fil-grilja tal-elettriku u l-aċċess għaliha biex tappoġġa l-użu tal-enerġija rinnovabbli. Taċċellera u żżid ir-rinnovazzjonijiet tal-bini, inkluż billi tindirizza ostakli fl-implimentazzjoni bħan-nuqqas ta' ħaddiema. Tavvanza t-trasformazzjoni industrijali nadifa u l-bidla lejn ekonomija ċirkolari, inkluż billi żżid il-produttività tar-riżorsi. Taċċellera d-dekarbonizzazzjoni tat-trasport, speċjalment bit-triq u bil-ferrovija, inkluż permezz tat-tlestija ta' Rail Baltica, u ttejjeb il-koordinazzjoni u l-attraenza tat-trasport pubbliku u sostenibbli biex iżżid l-użu tiegħu.

5. Issaħħaħ l-aċċess għall-kura primarja, preventiva u bbażata fil-komunità u żżid id-disponibbiltà ta' professjonisti tal-kura tas-saħħa u tal-kura fit-tul, partikolarment f'żoni remoti. Tindirizza l-inugwaljanza fl-introjtu u l-faqar billi żżid il-kopertura u l-adegwatezza tas-sistema tal-protezzjoni soċjali, tiżviluppa aktar sistema ċentralizzata ta' monitoraġġ għas-servizzi soċjali, u tespandi l-akkomodazzjoni soċjali ta' kwalità u affordabbli.

6. Ittejjeb il-kwalità, l-ekwità u l-effiċjenza tas-sistema edukattiva ġenerali, partikolarment billi tindirizza d-diskrepanzi fil-kisbiet bejn iż-żoni urbani u rurali, filwaqt li żżid l-attraenza tal-professjoni tat-tagħlim biex tindirizza n-nuqqas ta' ħaddiema. Tindirizza n-nuqqas ta' ħiliet billi żżid ir-rilevanza tal-edukazzjoni għolja għas-suq tax-xogħol, iżżid l-attraenza tal-VET, ittejjeb l-apprendiment għall-adulti, inkluż għall-gruppi vulnerabbli, u żżid il-kopertura tal-politiki attivi tas-suq tax-xogħol.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*